MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 867/2006

**Perit Arkitett u Inginier Civili Anthony Cassar**

**vs**

**WasteServ Malta Limited (C 30560)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Anthony Cassar, fejn dan wara li ppremetta illi:

Nhar it-12 ta' Mejju, 2004, ir-rikorrent gie nkarigat mis-socjeta' intimata sabiex jippresta s-servizzi professjonali tieghu bhala perit arkitett u senjatament sabiex jaghmel evalwazzjoni bazata fuq il-valur kummercjali ta' art f'Sant'Antnin, Marsascala illi llum il-gurnata qieghda tintuza bhala *solid-waste composting plant* u illi taghha ser isir *upgrading*.

Wara illi r-rikorrenti kien ha dawn l-istruzzjonijiet tas-socjeta’ intimata, huwa ezegwixxa l-inkarigu fdat lilu hekk kif mitlub mill-istess socjeta’ u rrediga u pprezenta dokument, kopja ta’ liema qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala “Dok. AC 1,” nhar l-14 ta’ Mejju, 2004.

Hekk kif jidher mill-istess “Dok. AC 1,” l-art *de quo* giet stmata illi tiswa sitt miljun u seba’ mitt elf Lira Maltin (Lm6,700,000).

Skond it-Tariffa “K” tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta d-dritt dovut lir-rikorrenti huwa ta’ tliet Liri Maltin (Lm3) ghal kull elf Lira Maltija (Lm1,000) illi tiswa’ l-art *de quo*.

Stante illi l-valur ta’ l-art *de quo* gie stmat illi jiswa sitt miljuni u seba’ mitt elf Lira Maltin (Lm6,700,000), id-dritt dovut lir-rikorrenti huwa ta’ tlieta u ghoxrin elf seba’ mija u tmintax-il Lira Maltin (Lm23,718), liema ammont jinkludi t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Ghalkemm interpellata diversi drabi, sabiex thallas id-drittijiet dovuti lir-rikorrenti, flimkien mat-Taxxa relattiva dovuta fuq l-istess, is-socjeta’ intimata baqghet inadempjenti.

Ir-rikorrenti jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Talab ir-rikorrenti jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara illi s-socjeta’ intimata hija debitrici versu r-rikorrenti fl-ammont kumplessiv ta’ tlieta u ghoxrin elf seba’ mija u tmintax-il Lira Maltin (Lm23,718) dovuti lill-istess ghas-servizzi professjonali rezi minnu fuq inkarigu tas-socjeta’ intimata.

Tikkundanna lis-socjeta’ intimata thallas lill-konvenut l-ammont kumplessiv ta’ tlieta u ghoxrin elf seba’ mija u tmintax-il Lira Maltin (Lm23,718), liema ammont jinkludi t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghas-servizzi professjonali rezi minnu.

Rat ir-risposta ta’ Vincent Magri bhala rapprezentant awtorizzat tal-intimata WasteServ Malta Limited, fejn dan eccepixxa illi:

WasteServ Malta Limited m’hijiex l-legittima kontradettrici fil-gudizzju ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Il-Perit rikorrent kien gie ngaggjat direttament mid-ditta MWH – Montgomery Watson Harza, f’Belgju, sabiex jippresta lill-MWH is-servizzi professjonali tieghu fil-progett tad-ditta l-MWH, liema progett kien regolat minn kuntratt iffirmat bejn id-Dipartiment tal-Kuntratti u l-istess ditta MWH, liema kuntratt kien gie offrut permezz ta’ tender mill-Gvern Malti bhala parti mill-Pre Accession Programme 2003 tal-EU, liema tender intrebah mill-istess MWH.

L-imsemmi kuntratt bejn id-Dipartiment tal-Kuntratti u l-istess ditta MWH, milqugh tramite l-intervent tal-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura tal-Gvern Malti (MRI) ghan-nom ta’ l-esponent WasteServ Malta Limited, kien jinvolvi s-servizzi necessarji li kellhom jigu provduti mill-MWH lill-MRI in konnessjoni mal-progett tal-“Assistance for the Preparation of a Project to Upgrade the Composting Plant and Material Recycling and Recovery Facility” li jinsab f’Sant’ Antnin, Marsascala, liema plant facility huwa fdat f’idejn WasteServ Malta Limited bhala operatur.

Fis-succint, il-Perit Anthony Cassar kien imqabbad mill-istess MWH bhala “expert no. 6” parti minn grupp ta’ seba’ esperti tal-istess MWH.

L-ufficjali u l-esperti tal-MWH, inkluz ir-rikorrent, kienu juzaw u jzuru l-ufficini tal-WasteServ Malta f’Malta bhala l-bazi amministrattiva, u fi zmien dan il-progett, kien hemm naturalment, involviment tal-impjegati tal-WasteServ Malta Limited fix-xoghol fdat lill-MWH.

L-istima li saret mill-Perit Cassar kienet tifforma parti mill-ftehim u l-inkarigu li huwa rcieva minghand MWH u skond ir-rimunerazzjoni li giet miftehma bejnu u l-MWH bhala klient tieghu.

Ic-cirkostanzi tat-12 ta' Mejju, 2004, li fihom il-Perit Cassar gie allegatament mitlub jippresta servizzi estranji ghall-progett u ghall-inkarigu tal-MWH, kienu e-mail qasir (Dok WSM 1) minn Stephen Dimech, Inginier, impjegat tal-WasteServ mibghut lill-Perit Cassar li qal:

"*As part of the Cohesion Fund Application re the project for the upgrading of the Sant'Antnin Composting plant, we require an evaluation (based upon commercial value) of the land at Sant'Antnin. I appreciate if we receive this estimation by this Friday. I thank you in anticipation. Regards Stephen*."

Jumejn wara, l-Perit Cassar baghat ir-rapport tieghu lill-ufficju tal-WasteServ Malta Limited, datat 14 ta' Mejju, 2004 u fid-29 ta' Marzu, 2005, hareg invoice f'isem u lil WasteServ Malta ta' Lm23,718 bhala valuation fees skond it-Tariffa "K" tal-Kap. 12. Dan huwa intervall ta' ghaxar xhur.

Il-WasteServ Malta Limited ma accettatx dan il-kont u informa lill-Perit Cassar illi l-istruzzjoni tal-e-mail kienet in konnessjoni mal-istess inkarigu li kellu mal-MWH. Izda l-Perit Cassar irritjena illi dan kien inkarigu indipendenti bla ebda konnessjoni mal-kuntratt tal-progett li kellu ma' MWH.

Kif se jirrizulta fil-kawza, l-istess Perit meta ircieva l-e-mail tat-12 ta' Mejju, 2004, kien diga' acceda kemm-il darba fuq is-sit in kwistjoni bhala parti tal-inkarigu tal-MWH, u cioe', fit-18 u fid-19 ta' Settembru, 2003, u kien ghadu nkarigat mill-MWH. Huwa car u manifest illi professjonalment almenu kien obbligat illi jiccara qabel ma jobdi struzzjonijiet li kienu jimportaw somom konsiderevoli, fic-cirkostanzi li kienu a konjizzjoni tieghu, jekk dawna kienu parti mill-progett tal-MWH. Wara kollox, l-e-mail kien bizzejjed car fi kliem uzat – cioe' "*As part of the Cohesion Fund Application...*".

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent WasteServ Malta Limited ghandha tissottometti illi l-

imsemmija valutazzjoni datata l-14 ta' Mejju, 2004, hija palesament kontra s-sengha u l-etika li huma mistennija u rikjesti skond il-ligi, u mhux adempjenti kuntrattwalment.

Bizzejjed jinghad illi l-Perit Cassar ibbaza l-istima tieghu fuq il-premessa illi l-art hija fabbrikabbli fis-sens generali (Lm200,000 il-tomna), meta huwa kellu bilfors jiehu in kunsiderazzjoni illi cirkostanzi attwali tal-art fil-mument tal-istima tieghu. F'certu partijiet, il-post huwa barriera "landfilled" jew qrib ta' mizbla li kienet tintuza bejn l-1974 u l-1979.

Il-Perit, meta qies illi s-sit huwa fabbrikabbli u simili ghall-art agrikola li nghatat zoning bhala "estate" kummercjali jew industrijali, ma ha ebda konjizzjoni tal-fatt illi biex is-sit jigi rihabilitat bhala tajjeb ghall-bini, kollha kemm hi, ghandu jitnehha il-"fill" instabbli u jigi trattat. Haga illi tiswa l-ammont kbir ta' spejjez li zgur jaffettwa l-valur.

Il-karatteristici tas-sit partikolari u attwali gew injorati minnu u baqa' miexi lejn stima superficjali maghmula professjonalment b'mod irresponsabbli u skorretta. Hija stima manifestament ivvizzjata min-nuqqas sostanzjali ta' oggettivita' u professjonalita' u kuntrattwalment inadempjenti in toto.

Meta saret l-istima indipendenti minn periti mqabbda mid-Dipartiment ta' l-Artijiet fi hdan it-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern sabiex jinghata l-kumpens lis-sidien ta' l-artijiet in kwistjoni. Tali stima giet ippubblikata fil-Gazzetti tal-Gvern tal-5 t'April 2006 (G.N. numri 294, 295, 296, 297, 298) u tat-22 ta' Gunju 2006 (G.N. 545). L-ammont totali stmat bhala kumpens kien ta' Lm172,040.00, (2.6% ta' l-istima tal-perit).

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Qieset in-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-fatti f'din il-kawza huma pjuttost inkontestati. Il-Gvern Malti ried itejjeb l-impjant tal-iskart li jinsab f'Sant'Antnin, Marsascala, liema mpjant huwa operat minn WasteServ Malta. Ghal dan l-iskop kien hemm l-intenzjoni li jintalbu fondi ghall-progett mill-Cohesion Fund tal-Unjoni Ewropea sabiex tigi mhejjija l-applikazzjoni ghal dan l-iskop, id-Dipartiment tal-kuntratti tal-Gvern ta' Malta kien iffirma kuntratt fejn tqabbdet is-socjeta' Belgjana Montgomery Watson Harza biex taghti l-assistenza taghha sabiex jigi mhejji l-progett propost.

Din is-socjeta' MWH ingaggat esperti biex tesegwixxi l-inkarigu moghti lilha. Fost dawn l-esperti kien hemm il-Perit Anthony Cassar, rikorrent odjern.

It-termini li bih gie inkarigat il-Perit Cassar mis-socjeta' MWH jinsabu elenkati f'dokument intitolat "services agreement" iffirmat fis-27 ta' Awissu 2003 u estiz fis-27 ta' Frar 2004 b'dokument iehor. Dawn iz-zewg dokumenti gew prezentati f'din il-kawza bhala Dok AC 2 u Dok AC 3 u jinsabu a fol. 28 sa 47 tal-process.

Jirrizulta mbaghad li f'Mejju tas-sena 2004, l-Inginier Stephen Dimech, minn WasteServ ikkomunika telefonikament mal-Perit Cassar u talbu jhejju stima tal-art li fuqu kien ser isir il-progett. In segwitu ta' din it-telefonata, fuq talba tal-Perit Cassar, saret din it-talba permezz ta' e-mail mibghuta lill-Perit mill-Inginier Dimech fit-12 ta' Mejju 2004. Din l-e-mail tinsab esibita fil-process u taqra hekk:

"*As part of the Cohesion Fund Application re the project for the upgrading of the Sant'Antnin Composting plant, we require an evaluation (based upon commercial value) of the land at Sant'Antnin. I appreciate if we receive this estimation by this Friday. I thank you in anticipation. Regards Stephen*."

Il-Perit Cassar fi zmien jumejn ipprovda lil WateServ bl-istima mitluba. Kopja ta' din l-istima ukoll giet esibita f'dawn il-proceduri u tinsab a fol. 4 sa fol. 5 immarkata bhala Dok AC 1.

Fid-29 ta' Marzu 2005, il-Perit Cassar baghat invoice lil WasteServ fejn talab hlas ta' Lm23,718 bhala hlas ikkalkulat skond it-Tariffa "K" in relazzjoni mal-istima maghmula minnu.

F'dan l-istadju WasteServ irrifjutaw li jhallsu lill-Perit ghaliex jikkontendu li l-istima li saret kienet parti mill-inkarigu li kellu l-Perit ghar-rigward tal-progett u jekk kien qed jippretendi xi hlas, dan kellu jintalab lis-socjeta' MWH. Il-Perit Cassar jinsisti li l-inkarigu tieghu mas-socjeta' MWH ghar-rigward ta' dan il-progett kien tlesta zmien qabel u ghalhekk dan l-inkarigu kien kompletament separat mill-inkarigu precedenti.

F'dan ix-xenarju, il-Qorti tikkonsidra li, essenzjalment huwa l-apprezzament tac-cirkostanzi li fihom inghata u gie espletat l-inkarigu li jhollu u jorbtu f'din il-vertenza.

L-ewwel ma sar jaf il-Perit Cassar bit-talba biex issir stima kien permezz ta' telefonata minghand Stephen Dimech. F'din it-telefonata l-istess Dimech informa lill-Perit li l-espert finanzjarju tas-socjeta' Belgjana MWH kien talab li ssir stima tal-art li fuqha kien ser isir il-progett. Fil-21 ta' Gunju 2007, Stephen Dimech xehed li kien l-ekonomista tad-ditta mqabbda mill-istess MWH (bhala sub-contractor) li kien talab il-valur lil Dimech. Wara din it-telefonata, intbghatet l-e-mail bit-talba miktuba.

Wiehed ma jistax ma jikkonsidrax l-isfond kollu ta' din il-konversazzjoni. Il-Perit kien qed jahdem fuq progett li fl-ahhar nett kienet ser tkun WasteServ li tibbenifika minnu. Kien qed jikkollabora ma' barranin u kien ikun l-istess Dimech li jinfurmah li dawn ser ikunu ghal-laqghat, kif jghid Vincent Magri fir-risposta guramentata ghan-nom ta' WasteServ Malta Limited:

“Illi l-ufficjali u l-esperti tal-MWH, inkluz ir-rikorrent, kienu juzaw u jzuru l-ufficini tal-WasteServ Malta f’Malta bhala l-bazi amministrattiva, u fi zmien dan il-progett, kien hemm naturalment, involviment tal-impjegati tal-WasteServ Malta Limited fix-xoghol fdat lill-MWH.”

Dan jixhdu l-istess Perit (fol. 23) Stephen Dimech, li wkoll gieli attenda mal-Perit ghal-laqghat tal-MEPA. Ghalkemm ma kienx parti mit-team ta’ MWH, lanqas ma jista’ jinghad b’ebda mod li kien estraneju ghall-progett. Ukoll, kien biss fl-ambitu ta’ dan l-istess progett li b’xi mod ikkollaboraw flimkien il-Perit Cassar u Stephen Dimech. Kif xehed l-istess Dimech fil-21 ta’ Gunju 2007: “Qatt ma qabbadna lill-Perit jaghmel xoghol iehor.” (fol. 134).

Ta’ min jinnota li x-xhieda tal-istess Stephen Dimech ma giet kontestata jew kontradetta b’ebda mod minn hadd.

Wara l-konversazzjoni bit-telephone, imbaghad, intbghatet l-e-mail, u dan fuq talba tal-istess perit. L-e-mail tat-12 ta’ Mejju 2004 tghid, kif ga’ kwotat:

“As part of the Cohesion Fund Application re the project for the upgrading of the Sant’Antnin Composting plant, we require an evaluation (based on commercial value) of the land at Sant’Antnin.”

L-e-mail kien car dwar l-iskop tat-talba. Kien succint ghaliex it-talba kienet ga’ giet spjegata permezz tat-telefonata.

F’dan il-kuntest, il-Perit Cassar isostni li, fil-mument li giet it-talba ghall-istima, l-inkarigu tieghu ma’ MWH kien ga’ espletat u dan xi xahrejn qabel. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, dan huwa rrelevanti ghall-fini tat-talba tal-istess Perit illum. Jekk huwa kien ga’ ghalaq l-eposodju tieghu ma’ MWH, din kienet materja ta’ diskussjoni bejnu u dik is-socjeta’. Lil WasteServ li talbitu l-istima ghan-nom tal-istess MWH huwa dan ma informahiex bih. L-applikazzjoni ghall-fondi kienet ghadha mhux finalizzata f’dan l-istadju.

Ukoll, il-Perit jinsisti li l-ordnijiet f'dan il-progett huwa kien jehodhom minghand certu Molteni li kien contract manager. Dan jista' jkun li huwa skond it-termini tal-ingagg tieghu ma' MWH imma ukoll din hija aspett tar-relazzjoni tieghu ma' MWH. Professjonalment, galadarba kien sejjer, fil-fehma tieghu milli jidher, jiftah episodju gdid ma' WasteServ, imissu ccara l-affarijiet, anke biex jevita kull possibilta' ta' konflitt ta' interess li setghet tinqala'.

F'dawn ic-cirkostanzi, ghaldaqstant, din il-Qorti hi tal-fehma li l-istima mhejjija mill-Perit Cassar u li hi mertu ta' dan il-process kienet parti mill-inkarigu tieghu fil-progett kollu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet ta' WasteServ Malta Limited, tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------